MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2010

Numru 1/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Malcolm Bondin)**

**Vs**

**Daphne Anne Caruana Galizia**
**u**
**Stephen Chetcuti**

**Kwerela ta' Dr. Angelo Farrugia**

**Illum is-7 t' Ottubru tas-sena 2010.**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-imputati Daphne Anne Caruana Galizia, mart Peter Joseph, bint Michael Alfred Vella u Rose Marie nee` Mamo, imwielda tas-Sliema nhar is-26 ta' Awwissu tas-sena 1964, li hija residenti gewwa l-fond "Dar Rihana", il-Bidnija, limiti tal-Mosta, u li hija detentrici tal-karta tal-identita` bin-numru 450664(M), u Stephen Chetcuti, iben Vincent Joseph u Carmen nee` Tortell, imwieled tas-Sliema fis-27 ta' Ottubru tas-sena 1970, li huwa residenti gewwa l-fond 12, Triq Santa Marija, tas-Sliema jew 31, Triq Sir Arturo Mercieca, tas-Sliema, u li huwa detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 451670(M), datata, xejn anqas mit-8 ta' Marzu tas-sena 2004, fejn ta' l-ewwel kitbet, u tal-ahhar bhala editor ippubblika, rapport intestat "*The 'anything goes' party*", fil-harga  tal-gurnal ta' kuljum "*The Malta Independent*", tal-Hamis il-15 ta' Mejju tas-sena 2003, li permezz tieghu l-kwerelant Dr. Angelo Farrugia  hassu malafamat, ingurjat u imwaqqa` ghad-disprezz;

Rat il-kwerela datata s-16 ta' Gunju tas-sena 2003, li permezz taghha l-imsemmi kwerelant, tramite ir-rapprezentant legali tieghu, wassal l-ilment tieghu lill-awtorita` kompetenti, fejn wara li elenka r-ragunijiet tieghu ghall-istess, talabha tipprocedi kontra l-kwerelata Caruana Galizia skont il-ligi;

Rat ukoll l-ittra datata t-28 ta' Jannar tas-sena 2004 fejn, ukoll permezz tar-rapprezentant legali tieghu, talab lill-istess awtorita` kompetenti koncernata biex tiehu l-passi necessarji kontra l-fuq imsemmi editur u dan, b' referenza ghal kwerela indikata fil-paragrafu precedenti;

Rat il-verbal datat it-23 ta' Gunju tas-sena 2004 li permezz tieghu, fuq talba tal-prosekuzzjoni, li ghaliha ma jirrizultax li kienet inoltrata xi risposta tad-difiza, il-qorti diversament preseduta ordnat is-separazzjoni tal-gudizzju u filwaqt li ordnat il-prosegwiment tal-kawza fil-konfront tal-kwerelata Caruana Galizia, iddifferiet il-kawza fil-konfront tal-kwerelat Chetcuti ***sine die***;

Rat ukoll il-verbal tal-istess qorti kif hemm preseduta datat ukoll it-23 ta' Gunju tas-sena 2004, li permezz tieghu ordnat li kopja ta' sentenza tal-Qorti tal-Magistrati fl-ismijiet *"Il-Pulizija (Spetturi Angelo Farrugia u Daniel Gatt) vs Edgar Fava et"* datata l-21 ta' Dicembru tas-sena 1984, tigi inserita fl-atti ta' din il-procedura;

Rat is-sentenza indikata fil-paragrafu precedenti, liema sentenza giet stranament ipprezentata fl-atti de quo minn persuna li giet ipprezentata bhala xhud u li pero`, ma kienx ghadu jifforma parti mill-Korp tal-Pulizija stante li gie identifikat bhala ***"Ex Supt"***, probabbli "ex supretendent", (Ara fol 18);

Illi pero`, ghandu jinghad ukoll ghall-kjarezza, li jirrizulta mill-okkju tal-istess sentenza minnhu ipprezentata f' dawn l-atti li dan l-ex Supretendent jidher li kien wiehed mill-ufficjali prosekuturi fl-istess procedura li sabet l-inkoronazzjoni taghha fl-imsemmija sentenza tal-Qorti tal-Magistrati;

Rat il-verbal datat il-25 ta' Mejju tas-sena 2005, li permezz tieghu il-kwerelant Farrugia iddikjara li m' ghandux aktar provi x' jipproduci in sostenn tal-kwerela tieghu, (ara fol 26);

Rat il-verbal datat is-17 t' Ottubru tas-sena 2007, li permezz tieghu il-kwerelata Caruana Galizia iddikjarat li m' ghandhiex aktar provi x' tipproduci, (ara fol 52);

Rat il-verbal tal-istess data indikata fil-paragrafu precedenti fejn il-kawza giet imhollija ghat-trattazzjoni finali fid-data u hin hemm indikat (Ara fol 52);

Rat id-digriet taghha, diversament preseduta, datat is-16 ta' Jannar tas-sena 2008, li permezz tieghu, fuq talba tal-kwerelant li ghaliha d-difiza irrimettiet ruhha, il-qorti diversament preseduta ordnat li kopja tal-atti kollha tal-kawza *"Il-Pulizija vs Fava et"* fuq gia` riferita, jigu allegati fl-atti ta' din il-procedura, (ara fol. 53);

Tinnota li terga tidher allegata fl-atti odjerni kopja fotostatika mhux ufficjali tas-sentenza tal-21 ta' Dicembru tas-sena 1984, u dan, minghajr ma jirrizulta li hi kopja awtentika jew li min ipprezentha jigi b' xi mod identifikat, (ara fol. 57 et sequitur);

Tirrileva li mis-16 ta' Jannar tas-sena 2008 il-quddiem hemm kwantita` ta' differimenti minn fejn jirrizulta li ma sar l-ebda tip ta' progress fil-kawza odjerna;

Rat in-nota datata s-26 t' Ottubru tas-sena 2009, li permezz taghha gie indikat li l-Magistrat sedenti kien akkollat bir-resonsabilita` ta' din il-procedura;

Rat il-verbal tar-rapprezentanti legali tal-kwerelant u tal-kwerelata datat it-12 ta' Jannar tas-sena 2010 li permezz tieghu informaw lill-qorti li ma kellhom l-ebda oggezzjoni li l-qorti kif issa preseduta tiehu konjizzjoni tax-xhieda gia` mismugha u gia` kompilati u li konsegwentement irrinunzjaw ghall-kwalunkwe dritt li seta` kellhom fir-rigward;

Tirrileva li ai termini tal-verbal datat it-12 ta' Jannar tas-sena 2010, il-procedura odjerna giet irtirata fil-konfront tal-imputat Chetcuti, (ara fol 71), u konsegwentement din il-qorti tiddikjara li qed tastjeni milli tieghu konjizzjoni ulterjuri tal-kaz fil-konfront tal-istess kwerelat Chetcuti;

Illi di piu`, fit-termini tal-istess verbal indikat fil-paragrafu precedenti, l-istess rapprezentanti legali awtorizzaw lill-qorti kif issa preseduta biex tkompli bil-kawza mill-istadju li issa kienet tinsab fiha, u dan ghall-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja;

Rat ir-rikors tar-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali datat it-18 ta' Marzu tas-sena 2010, fejn a tenur tal-artikolu 518 tal-Kodici Kriminali, talab li jinghata l-awtorizzazzjoni dovuta hemm indikata biex ikun jista` jaghmel kopja legali tal-process mitlub u jipprezenta l-istess fl-atti odjerni;

Rat id-digriet taghha datat it-18 ta’ Marzu tas-sena 2010, fejn ordna li l-istess rikors indikat fil-paragrafu precedenti jigi notifikat lill-partijiet kollha involuti;

Rat id-digriet ulterjuri taghha datat l-20 ta’ Mejju tas-sena 2010, fejn wara li rat il-visto tar-rapprezentanti legali tal-kwerelant u tal-kwerelata, u wara li rat ukoll in-nota ulterjuri tal-kwerelata datata s-6 t’ April tas-sena 2010, laqghet it-talba u ordnat li jsiru l-kopji legali mitluba, (ara fol 73 u 77);

Rat in-nota tal-imsemmi registratur datata l-20 ta’ Mejju tas-sena 2010, li permezz taghha ipprezenta vera kopja fotostatika tal-procéss fl-ismijiet fuq indikati u deciz minn din il-qorti diversament preseduta fil-21 ta’ Dicembru tas-sena 1984, (ara fol. 78);

Rat il-process indikat fil-paragrafu precedenti;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentati legali tal-kwerelant u tal-kwerelata rispettivament;

Jirrizulta li l-ufficjal prosekutur ghazel li f’ dan l-istadju ma jintervjenix;

Ikkunsidrat:

Illi din il-qorti hi issa f’ posizzjoni li tipprocedi bil-konkluzjoni ta’ din il-procedura – procedura li jidher *ictu oculi* li hadet hafna aktar zmien minn dak li verament jisthoqqilha, u tawspika li min hu dovut japprezza dan biex b’ hekk dilungar inutili fi proceduri legali jigu evitati;

Ikkunsidrat:

Illi in vista tal-premess il-lanjanza tal-kwerelant Farrugia tista` tigi sintetikament elenkata bil-mod segwenti:

1. Illi kif jidher mill-istess kwerela originali datata s-16 ta’ Gunju tas-sena 2003, il-kwerelant hassu malafamat bil-kitba tal-kwerelata Caruana Galizia ippubblikata fil-gurnal ta’ kuljum *“The Malta Independent”*

fil-harga tal-15 ta’ Mejju tas-sena 2003, u intitolat “The ‘anything goes’ party”;

2. Illi l-kwerelant sintetikament hassu malafamat ghas-segwenti ragunijiet:

i. Illi fil-perjodu meta l-kwerelant Farrugia kien jokkupa l-kariga ta’ Spettur tal-Pulizija hu kien imxekkel mill-granet *terribbli* u *mudlama* ta’ Lawrence Pullicino;

ii. Illi l-kwerelata ssostni fl-istess artikolu li l-ewwel darba li iltaqghet mal-kwerelant kien meta flimkien ma’ zewg xebbiet ohra ta’ dsatax (19) –il sena, hi kienet giet arrestata u rinfaccata bi hdax (11) –il akkuza falza, inkluza dik li assaltaw ufficjal tal-pulizija ta’ stazza fizika kbira;

iii. Illi tul il-perjodu li fih inzammet arrestata l-kwerelata ssostni li kien l-istess kwerelant li zammha imsakkra f’ celel mudlama u mahmuga ghal kwazi jumejn;

iv. Illi tul dan il-perijodu, l-istess kwerelata sostniet li l-kwerelant irrifjuta:

a. li jhallihom jikkuntattjaw lill-genituri taghhom; u
b. li jhallihom jikkuntattjaw avukat;

v. Illi l-istess kwerelant hedded lill-kwerelata waqt l-interrogatorju taghha;

vi. Illi gidbilha;

vii. Illi l-kwerelant kellu f’ idejh ritratti fejn il-kwerelata kienet tidher tattakka ufficjal tal-pulizija, ghalkemm kienet innocentement indikatlu li seta` kien zbaljat ghaliex hi m’ attakkat fizikament lill-hadd, u li allura, ir-ritratt li kellhu bilfors kien ta’ xi persuna li tixbaha;

viii. Illi l-kwerelant ordna li l-kwerelata tigi mkaxkra mic-cella taghha fis-sighat bikrin ta' filghodu fejn, wara pogga quddiema stqarrija li kien kiteb hu stess, u qalilha biex tiffirmha;

ix. Illi l-imsemmija stqarrija tant kienet assurda u mimlija gideb, li kieku ma kienitx daqshekk imbezza w inkwetata kienet tinfaqa` tidhaq f' wicc l-istess kwerelant;

x. Illi fl-istess artiklu *de quo*, il-kwerelata sostniet li l-kwerelant qalilha li hu kien ser jilliberha biss kemm –il darba hi kienet ser tiffirma l-istess stqarrija;

xi. Illi rinfaccata b' dan, il-kwerelata issostni li iffirmat minhabba f' hekk;

xii. Illi f' dak il-perijodu wiehed ma kienx jikkwota l-vers u l-kapitolu tal-ligi ghaliex ragel kien gia` hareg mejjet mill-bagoll ta' karozza minn hemm gew u ohrajn kienu gew imsawta sew tant li kellhom jittiehdu l-isptar;

xiii. Illi x' imkien f' xi kexxun hemm sentenza ta' hdax (11) –il pagna tal-Magistrat David Scicluna li ikkundannat severement l-azzjonijiet tal-kwerelant Farrugia u tal-kollegi tieghu, il-metodi li bih ottenew l-"istqarrijiet", (li l-kwerelant Farrugia kien ivvinta u kiteb hu stess), u li kienu dikjarati invalidi u bla sugu;

xiv. Illi bniedem ma jistax isir prim ministru meta hemm kundanna magisterjali pubblika fil-konfront tieghu talli tratta hazin tifla ta' dzatax (19) –il sena, zamm lill-istess taht il-kustodja tal-pulizija u talli heddida biex tiffirma "stqarrija" falza mimlija gideb assurd li hu stess kien kiteb;

Ikkunsidrat:

Illi b' referenza ghall-procedura odjerna, l-artikolu miktub mill-kwerelata jista` jigi sintetikament riassunt bil-mod segwenti:

1. Illi fil-preambolu ghall-istess artikolu l-kwerelata tesprimi l-frustrazzjoni taghha ghall-fatt li wara kampanji intensivi konnessi ma referendum u l-elezzjoni sussegwenti, kien inholoq vacuum tedjanti li jidher li wassalha ghal stat ta' disperazzjoni biex tiskopri xi notizja ta' natura politika li terga tippermettilha ssib dak l-istat t' agitazzjoni psikologika li tammetti li ma tantx tghaddi minghajru;

2. Illi f' dan id-dawl, il-kwerelata bid-disperazzjoni minnha stess indikata, iggranfat ma l-elezzjoni ghall-ghazla tal-kap tal-partit Laburista li tidher li kienet qed issir f' dawk il-granet, u dan, ta' bilfors ghaliex fil-perijodu ma kien hemm xejn x' wiehed jiddiskuti;

3. Illi filwaqt li tiddeskrivi tali elezzjoni bhala "simulazzjoni tedjanti", *("tedious charade")*, issostni li l-uniku aspett interessanti taghha kien il-fatt li l-kwerelant Farrugia u kollega iehor tieghu hemm espressament indikat ukoll ikkonsidraw lilhom infushom bhala materjal li hu kapaci eventwalment jokkupa l-ufficju f' Kastilja;

4. Illi l-artikolista kwerelata ssostni li tara dan l-izvilupp li kien qed jevolvi bhala wiehed kurjuz u affaxxinanti – l-aktar ghaliex jizvela l-atitudini fi hdan il-Partit Laburista dwar dak li hu, jew m' hux accettabbli, fil-kwalitajiet tal-kapijiet tieghu;

5. Illi f' dan l-isfond analitiku li jibqa` sejjer ghal erba` kolonni shah, l-awtrici kwerelata fl-ahhar tiffoka fuq il-kwerelant Farrugia fejn tibda biex tiddeskrivieh bhala persuna li grossolanament mhux addatata li tkun kap ta' partit;

6. Illi wara freccjata zghira fuq il-hajja romantika tieghu fejn f' okkazzjoni rara ta' umilta` tammetti li m' ghandha l-ebda hjiel dwarha, tiffoka fuq il-perijodu li l-

istess kwerelant ghadda bhala spettur tal-pulizija *"fiz-zmien ikrah ta' Lawrence Pullicino"*;

7. Illi ssostni li bhal m' ghamlu ohrajn qabblu, l-kwerelant Farrugia jista` jghid li hu kien biss qed jobdi l-ordnijiet tas-superjuri tieghu;

8. Illi pero` issostni, li "*bniedem decenti kien minflok jaqbad ir-recipjent li fih izomm l-ikel tal-gurnata u jirrizenja jew jekk kien jibza` li jmut bil-guh, kellu jibqa` fil-Korp izda jisparrixxi*";

9. Illi filwaqt li l-istess artikolista tesprimi l-iskantament taghha kif il-kwerelant mexa` daqshekk fil-partit tieghu, issostni li allura dan juri nuqqas assolut ta' kontroll ta' kwalita` li l-istess partit ihaddan;

10. Illi ghalhekk issostni wkoll li jekk Farrugia eventwalment jirnexxielu jsir il-kap tal-partit, allura l-istess partit m' ghandu l-ebda tama li jerga jilbes il-libsa tad-decenza u tar-rispettabilita`;

11. Illi f' dan l-istadju l-artikolista tghaddi biex tirrakkonta episodju personali fejn tinforma lill-qarrejja taghha kif kienet iltaqghet l-ewwel darba mal-kwerelant:

i. Illi hi kienet wahda minn tlett (3) tfajliet ta' dzatax (19) –il sena arrestati mill-kwerelant;

ii. Illi kien irrinfacchom bi hdax (11) – il akkuza fazulla inkluza l-akkuza li attakkaw ufficjal tal-pulizija ta' stazza kbira hafna;

iii. Illi l-istess kwerelant sakkarhom f' celel mudlama u mahmugin ghall-perijodu ta' kwazi jumejn (2);

iv. Illi irrifjuta jinforma lill-genituri taghhom bl-istat li kienu jinsabu fih;

v. Illi irrifjuta jhallihom javvicinaw avukat;

vi. Illi hedded lill-kwerelata waqt l-interrogatorji;

vii. Illi ssosnti wkoll li Farrugia gideb lill-kwerelata meta informha li kellu fil-pussess tieghu ritratti li kienu juru lill-kwerelata tattakka lill-ufficjali tal-pulizija, fejn fir-rigward innocentement infurmatu li seta` kellu xi zball ghaliex hi ma kienet attakkat lill-hadd u li allura r-ritratti bilfors kienu ta' xi hadd li jixbaha;

viii. Illi ssostni li giet imkaxkra mic-cella taghha fis-sieghat bikrin ta' filghodu fejn tpoggitilha quddiema stqarrija miktuba mill-istess Farrugia u qalilha biex tiffirmha;

ix. Illi l-kwerelata ssostni li din l-istqarrija kienet mimlija gideb u li hi ammissjoni ghall-reati li tant kienet assurda li kieku mhux ghaliex kienet

x. imwerwra w inkwetata, kienet semplicement tinfaqa` tidhaq f' wiccu;

xi. Illi ssostni li meta l-istess kwerelant qalilha li kien biss ihalliha tohrog jekk tiffirma l-istess stqarrija – u dak iz-zmien hadd ma kien jiccita l-Kodici Kriminali, hi iffirmat, anke wkoll, ghaliex persuna kienet gia` harget mejta minn hemm f' bagoll ta' karozza;

xii. Illi meta harget mid-Depot tal-Pulizija sabet lill-papa` taghha li sabitu li xjah b' ghaxar (10) snin shah;

xiii. Illi x' imkien f' xi kexxun hemm sentenza ta' hdax (11) –il pagna tal-Magistrat Scicluna li ikkundannat bl-akbar mod possibbli l-agir tal-kwerelant Farrugia u tal-kollegi tieghu, u dan, wara li l-istess kwerelata xhedet fl-istess procedura fid-dettal;

xiv. Illi dan kollu qed tirriproducieh ghaliex ghaddiet minnhu hi stess;

xv. Illi probabbilment hemm ohrajn li ghaddew mill-istess trattament u li issa qed jiskantaw bil-possibilita` li l-kwerelant Farrugia jsir kap ta' partit jew prim ministru;

xvi. Illi f' dan ir-rigward tissentenzja kemm jista` jaqa` fil-baxx dan il-pajjiz, ghaliex persuna ma tistax issir prim ministru meta l-fedina pubblika tieghu tinkludi kundanna magisterjali li immaltratta tifla ta' dzatax (19) –il sena meta:

- din kienet fil-kustodja tal-pulizija;
- heddida biex tiffirma stqarrija falza mimlija gideb assurd li kien kiteb hu stess;

xvi. Illi finalment, filwaqt li tindirizza lill-istess kwerelant u tghidlu li kien ikkonsenjat lill-istorja, tghidlu biex jinsa` l-hajja politika peress li jekk kollox jghaddi ghal Partit Laburista, ghall-pajjiz m' hux l-istess;

Ikkonsidrat:

Illi l-posizzjoni tal-kwerelant Farrugia tista` tigi sintetikament kompilata bil-mod segwenti:

1. Illi essenzjalment il-kwerelant hassu malafamat bil-fatti kif precedentement li, a skans ta' ripetizzjoni inutile, mhux qed jergghu jigu riprodotti f' dan l-istadju;

2. Illi pero` ghandu jinghad li l-kwerelant Farrugia hass li dak miktub mill-artikolista imputata kien intiz biex ipoggi lill-kwerelant f' dawl ikrah, jaghmillu il-hsara, jwaqqghalu l-gieh tieghu mal-qarrejja, li finalment hu ekwivalenti ghall-*assassinju ta' l-identita*`;

3. Illi inoltre jsostni li dak li l-artikolista imputata tpingi bhala fatti sagrosanti ghaliex *"ghaddiet minnhu hi stess"* fil-fatt m' hu minnhu jew m' hu veritier xejn;

4. Illi l-iskop wara l-artikolu in dizamina kien intiz li jaghmel lill-kwerelant l-aktar hsara possibbli billi jigi ippubblikat proprju fil-perijodu fejn l-istess kwerelant kien qed jikkontesta kariga importanti u effettivament ta' natura kostituzzjonali, fi hdan il-partit tieghu;

5. Illi di piu` l-pubblikazzjoni *de quo* tant kienet immirata b' mod perfett li taghmel l-aktar hsara possibbli lill-

kwerelant li ma ippermettilux jaghmel twegiba ghall-istess artikolu qabel ma sehhet l-elezzjoni interna involuta;

6. Illi *di piu`*, il-kwerelant isostni li kellu karriera impekkabbli fil-Korp tal-Pulizija u li qatt ma gie censurat ghall-operat tieghu la minn xi qorti u lanqas minn xi awtorita` ohra;

7. Illi tant dan mhux minnhu li jirrizulta minflok li Lawrence Pullicino imsemmi mill-artikolista inkriminata, kien effettivament gie investigat mill-istess kwerelant Farrugia meta inbidlet l-amministrazzjoni wara l-elezzjoni tal-1987 u kien l-istess Farrugia li kien l-ufficjal prosekutur principali meta l-istess Pullicino tressaq il-qorti biex iwiegeb, fost ohrajn, ghall-omicidju ta’ Nardu Debono li taccenna ghalieh l-istess artikolista fl-artikolu taghha in ezami;

8. Illi l-istess kwerelant isostni in oltre li mhux biss ma kellux ghalfejn jitlaq mill-Korp tal-Pulizija kif kitbet il-kwerelata inkriminata izda jsostni li minflok, il-karriera tieghu kienet wahda nadifa w impekkabbli;

9. Illi jsostni, kuntrarju ghal dak miktub fl-artiklu *de quo*, kemm fil-Partit Laburista kif ukoll fl-ambjent socjali fejn ikun, il-kwerelant igawdi rispett u stima kbira;

10. Illi rigward l-incident li fih l-istess artikolista ssostni li giet arrestata, il-kwerelant isostni s-segwenti:

i. Illi l-kwerelata kienet arrestata fuq incident li kien sehh f’ Tas-Sliema, f’ Marzu tas-sena 1984;

ii. Illi l-kwerelant ma kienx prezenti meta l-artikolista, li dak iz-zmien kien ghad kellha dzatax (19) –il sena, kienet giet hekk involuta fl-incident *de quo*;

iii. Illi hi kienet giet investigata u interrogata bhall-arrestati l-ohra;

iv. Illi l-istqarrija li rrilaxxat l-istess kwerelata kienet rilaxxata lill-kwerelant assistit mill-Ispettur Daniel Gatt;

v. Illi sussegwentement il-persuni involuti fl-istess incident kienu tressqu l-qorti, u wara li l-kaz ha d-dekors normali tieghu kien deciz fil-21 ta' Dicembru tas-sena 1984, fejn l-imputati kollha kienu gew liberati;

vi. Illi l-kwerelant jinnega li tul il-perijodu li l-kwerelata inzammet arrestata hi giet maltrattata kif allegat;

vii. Illi rigward l-istqarrija l-kwerelant isostni li din inghatat kopja tal-istess biex taqraha u wara li ghamlet hekk ghazlet li tiffirmha;

viii. Illi l-kwerelant jinnega li b' xi mod hedded lill-kwerelata u qatt ma gie censurat dwar il-komportament tieghu fir-rigward;

ix. Illi skont il-kwerelant, meta sussegwentement il-kwerelata tresqet il-qorti biex twiegeb ghal ghemilha din bidlet il-verzjoni, holqot konflitt ta' provi u konsegwenza tal-istess, il-qorti ddecidiet li l-istqarrija rilaxxata mill-kwerelata ma kienitx taghmel prova skont il-ligi;

x. Illi l-kwerelant isostni li l-istqarrija tal-kwerelata la ivvintha, u lanqas kitibha hu, u kienet biss l-istess kwerelata li rrilaxxat u iffirmat l-istess stqarrija;

xi. Illi fis-sentenza tal-21 ta' Dicembru tas-sena 1984, nonostante l-allegazzjoni nefasta tal-kwerelata li l-kwerelant kien hemm censurat ghaliex immaltratta tifla ta' dzatax (19) –il sena, din l-allegazzjoni ma tirrizulta minn imkien;

xii. Illi finalment, il-konkluzjoni tal-artikolista li tghid li l-Partit Laburista u l-pajjiz ikunu verament waqghu fil-baxx jekk il-kwerelat jispicca kap tal-

partit jew prim ministru hi ghal kollox ingurjuza w intiza biss biex tpoggi lill-kwerelant f' dawl ikrah;

Ikkunsidrat:

Illi fit-trattazzjoni orali finali tal-kaz ir-rapprezentant legali tal-kwerelata essenzjalment issottometta s-segwenti:

1. Illi l-artikolu in dizamina mhux libelluz jew malafamanti;

2. Illi l-istess artikolu essenzjalment jikkontjeni biss fatti u kummenti gusti;

3. Illi stante li fil-mira tal-artikolista kwerelata hemm personalita` pubblika, fid-dawl tal-kaz Lingens tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem, dawn il-personalitajiet huma sottoposti ghall-skrutinju aktar wiesgha u jrid ikun hemm sens akbar ta' tolleranza;

4. Illi ghalhekk l-istess kwerelata ghandha tigi liberata;

Ikkunsidrat:

1. Illi ghal dak li jirrigwarda l-ewwel linja difensjonali sollevata mill-kwerelata ghandu jinghad is-segwenti:

i. Illi l-parti tal-artikolu in dizamina rigwardanti l-kwerelant jirrizulta li hemm *focus* specjali fuq fatti, jew allegati fatti, li sehhew seba` u ghoxrin (27) sena ilu;

ii. Illi ghal dak li ghandu x' jaqsam mal-fatti kif esposti miz-zewg partijiet jirrizulta li huma dijametrikament opposti ghall-xulxin, b' naha wahda tpingi

l-operat bhala wiehed nefast u kundannabbli, u n-naha l-ohra tpingieh bhala xoghol ezegwit impekkabbilment;

iii. Illi f' dan ir-rigward, din il-qorti ftit ghandha xi tghid hlief li tiddikjara li hadet konjizzjoni taz-zewg versjonijiet lilha ipprezentati;

Ikkunsidrat:

2. Illi ghal dak li jirrigwarda t-tieni linja difensjonali sollevata mill-kwerelata ghandu jinghad is-segwenti:

i. Illi l-vertenza in dizamina tipprezenta l-konflitt perenni li jqum fil-kazijiet bhal dak in dizamina bejn minn naha l-wahda d-dritt ghall-liberta` tal-kelma u minn naha l-ohra d-dritt tat-tutela tar-reputazzjoni;

ii. Illi d-dritt tal-espressjoni illum fortunatament igawdi minn protezzjoni konsiderevoli konsolidata ormai kemm statutorjament mill-Kostituzzjoni ta' Malta kif rinforzata mill-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem, kif ukoll mill-gurisprudenza kopjuza lokali w internazzjonali relattiva;

iii. Illi kif gia` ritenut fil-kaz **Handyside (1976)** mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem:

*"Freedom of expression constitutes one of the essential foundations of [a democratic] society, one of the basic conditions for its progress and for the development of every man … It is applicable not only to information of "ideas" that are favourably received or regarded as inoffensive or as a matter of indifference, but also to those that offend, shock or disturb the state or any sector of the population. Such are the demands of that pluralism, tolerance and broadmindedness without which there is no 'democratic society' ";*

iv. Illi tali mizura mhix wahda facli, u biex tkun tista` tintlahaq hu mehtieg li jkollna gurnalisti li la jadoperaw biex jissodisfaw biss l-ghanijiet, hafna drabi mhux daqstant okkulti, ta' min jalimenthom u jzommhom kuntenti u finanzjarjament u politikament b' sahhithom, u lanqas ikollhom dik il-mibgheda ripressa li ssib svog biss f' dan l-ispazju gurnalistiku li l-effett fuq min ikun minn zmien ghal zmien il-mira ta' dan l-izgurgitu lingwistiku ikun tassew kemm devastanti kif ukoll irrimedjabbli;

v. Illi l-protezzjoni gurnalistika statutorjament sancita mhix intiza biex min ikun negattiv jinghata spazju u protezzjoni ghall-malfazzjoni tieghu, izda biss, biex tigi ppubblikata "*informazzjoni*" – cioe` fatti w ideat - fuq kwalunkwe materja t' interess verament pubbliku – anke jekk b' mod robust u li jista` anke jweggha – izda dejjem ghall-*gid komuni*;

vi. Illi ghandu ghalhekk ikun pacifiku li denigrazzjoni personali esasperanti, persistenti u soffokanti bhal dik riskontrata fl-artikolu *de quo* m' hix l-ahjar ezempju tal-oghla livelli tal-professjoni gurnalistika;

vii. Illi kif jghid il-Kardinal Bagnasco fir-relazzjoni ricenti tieghu lic-CEI, (Settembru 2010), hu bzonnjuz li f' dan il-kamp partikolari wiehed ghandu jiddesisti mill-personalizmi inasprenti stante li dawn qatt ma verament iwasslu ghal gid komuni awspikat f'din il-professjponi, liema gid, ghandu jkun l-uniku veru ghan li gurnalist ghandu jilhaq u jindirizza;

viii. Illi kif jghid l-istess Kardinal fir-relazzjoni introduttorja tieghu lic-CEI fis-27 ta' Settembru tas-sena 2010 pagna 7:

***"Quando si ha responsabilita` di scrittura o di parola pubblica, si puo` essere penetranti senza sfiorare il sopruso o scivolare nella contesa violente. Il linguaggio in uso nella scena pubblica deve essere confacente a civilita` ed educazione. Fa malinconia l'***

***illusione di risultare spiritosi o piu` "incisivi", quando a patire le conseguenze e` tutto un costume generale. Svuotare le parole, o renderle equivalenti quando non lo sono, e` - a modo suo – un furto."***

ix. Illi fin-nuqqas li tintlahaq il-mira fuq indikata, tkun minflok qed tigi ndirizzata biss l-agenda mohbija tal-gurnalist, liema agenda ma timmeritax is-suffragju tal-ligi kif erronjament jista` jkun awspikat;

x. Illi ghalhekk meta tinqabez il-linja sottili ta' demarkazzjoni ta' dawn iz-zewg poli, spetta ghall-ordni gudizzjarju verament indipendenti, li ghandu l-oneru li jiddrattizza il-bilanc, bi prudenza, b' ghaqal oggettiv, izda anke b' fermezza jekk ikun il-kaz;

xi. Illi l-*"fatti"* li fuqhom strahet il-kwerelata ma gewx suffragati mill-analizi indipendenti fejn dan seta` jsir, u dan ghas-segwenti ragunijiet:

a. Illi s-sentenza tal-21 ta' Dicembru tas-sena 1984, hi wahda ta' hames (5) faccati;

b. Illi b' mod indirett il-kwerelata issir referenza ghaliha rigwardanti akkuza ta' hsara volontarja u hebb fuq prelat indikat fl-imputazzjoni originali tal-1984 u giet liberata mal-ohrajn ghaliex l-akkuzi ma gewx pruvati;

c. Illi b' mod dirett l-istess sentenza osservat is-segwenti:

i. Illi l-agir li bih imxiet il-pulizija meta elevat lill-kwerelata dak inhar tal-incident "ma hu xejn dehen t' ufficjal inkarigat miz-zamma tal-ordni pubbliku u tali agir ghandu jigi dejjem ikkundannat u severament censurat";

ii. Illi l-istess kwerelata susseg-wentement kienet arrestata;

iii. Illi l-istess qorti apprezzat l-istat t' animu u l-herqa tas-susspettata li tirritorna d-dar wara li kienet "ghaddiet minn esperjenzi u trattament ghaliha tant qarsa f' sitta u ghoxrin (26) siegha msakkra d-Depot tal-Pulizija, (esperjenzi u trattament li mhux qed tidhol fid-dettal dwarhom izda li hija obbligata tikkundanna u li kienu bizzejjed wehedhom sabiex jinficjaw il-validita` ta' dik il-pretiza konfessjoni)";

iv. Illi fuq l-ispjegazzjoni li kienet forniet l-istess kwerelata fl-atti u fuq ix-xhieda ohra pprezentata, l-istqarrija taghha ma kienitx meqjusa li ikkostitwiet prova sufficjenti;

v. Illi mill-bqija, l-imputazzjonijiet ma gewx ippruvati, u konseg-wentement, il-kwerlata kienet illiberata flimkien mal-koimputati l-ohra;

Ikkunsidrat:

3. Illi ghal dak li jirrigwarda t-tielet linja difensjnali sollevata mill-kwerelata ghandu jinghad is-segwenti:

i. Illi kif gie ritenut fil-kaz **Lingens vs Austria** mill-Qorti Ewropea fuq riferita, datat it-8 ta' Lulju tas-sena 1986, fejn si tratta ta' personalitajiet pubblici, bhal ma huwa l-kwerelant odjern, dawn jesponu ruhhom aktar minn haddiehor ghall-iskrutinju ta' terzi;

ii. Illi in effetti l-qorti indikata fil-paragrafu precedenti sostniet is-segwenti:
*"The limits of acceptable criticism are accordingly wider as regards a politician than as regards a private individual. Unlike the latter, the former inevitably and knowingly lays himself open to close scrutiny of his every word and deed by both journalists and the public at large, and he must conseguently display a greater degree of tolerance";*

iii. Illi l-istess principju kien ukoll sussegwentement ribadit fil-kaz **Oberschlick** fejn fit-23 ta' Mejju tas-sena 1991 l-istess qorti stabbiliet:

*"The Court notes that a politician must display a greater degree of tolerance with regard to criticism";*

iv. Illi finalment ghandu jinghad ukoll li analizi gurnalistika serja ghandha wkoll l-iskop li tissalvagwardja l-interess pubbliku stante li kif irriteniet l-istess qorti fuq indikata fil-kaz **"The Sunday Times vs The K.K."** tas-26 t' April, tas-sena 1979, l-istampa, fl-ambitu tal-artikolu 10 tal-Konvenzjoni fuq indikata:

*"… plays its vital role of public watchdog and to impart information and ideas on matters of public interest";*

Ikkunsidrat:

Illi pero` kif gie ritenut fil-kaz **Miller vs Scorey**: Volum XXXVI. IV. p. 843:
*" … il-fatt ghandu jigi ppruvat. Il-"comment" biex ikun gustifikat irid ikun "fair and bona fide", u ma jistax ikun "fair u bona fide" jekk il-fatt attribwit … ma jkunx veru";*

Illi *di piu`*, kif gie` ritenut mill-Qorti Ewropea fuq riferita fil-kaz **Tromso u Stensaas vs Norvegja**, datat l-20 ta' Mejju tas-sena 1999:

*"Article 10 of the Convention does not, however, guarantee a wholly unrestricted freedom of expression even with respect to press coverage of matters of serious public concern. Under the terms of paragraph 2 of the Article the exercise of this freedom comes with it "duties and responsibilities", which also apply to the press. These "duties and responsibilities" are liable to assume significance when, … there is question of attacking the reputation of private individuals and underminig the "rights of others" … By reason of the "duties and responsibilities" inherent in the exercise of the freedom of expression, the safeguard afforded by Article 10 to journalists in relation to reporting on issues of general interest is subject to the proviso that they are in good faith in order to provide*

*accurate and reliable information in accordance with the ethics of journalism";*

Illi kif irriteniet il-Qorti tal-Appell fil-kaz fl-ismijiet **Bezzina vs Mifsud** datata s-26 ta' Marzu tas-sena 2010, fejn fost l-ohrajn irriferiet ghall-kaz **Tonna vs Agius**, Prim` Awla, tal-21 ta' April tas-sena 1999 u **Sant vs Borg et**, Prim` Awla tat-30 t' April tas-sena 2002, intqal:

*"F' kazijiet li jkunu ggeneraw interess kbir fil-pubbliku u fejn ikunu nvoluti persuni pubblici l-limiti tal-kummenti huma wiesghin pero` hemm dejjem limiti. Tali limiti huma dettati fuq kollox minn dak li hu ragonevoli, minn dak li hu dicenti u minn dak li jista` jkun accettat fis-socjeta` in partikolari. Hemm ukoll id-dritt li kull persuna pubblika o meno, li tigi tutelata kemm fil-persuna taghha kif ukoll fil-fama taghha. Implikazzjoni, minghajr fundament, maghmula ghal kwalunkwe raguni, anke possibilment ghal raguni politika …. ma jistghu qatt jigu accettati la fil-kuntest ta' fatti li qajjmu interess pubbliku u lanqas fejn hemm involuti nies pubblici";*

Ikkunsidrat:

Illi finalment kif irriteniet il-Qorti ta' l-Appell fil-kaz **Sammut vs Caruana Galizia et** tad-9 ta' Jannar tas-sena 2008:

*"Il-ligijiet jaffermaw b' rilevanza it-tutela tal-persuna, kemm bhala singolu, kif ukoll bhala komponenti fil-formazzjoni socjali u professjonali li fiha jesplika l-personalita` tieghu. Din it-tutela, b' fundament Kostituzzjonali u Konvenzjonali, hi diretta ghall-harsien unitarju ta' l-immagini, l-isem, l-unur u r-reputazzjoni tal-persuna. Paripassu ma' din it-tutela hemm, imbaghad, id-dritt ta' l-espressjoni libera li hu wkoll fondamentali";*

Ikkunsidrat:

Illi tenut kont tal-insenjament kazistiku hawn elenkat jirrizulta s-segwenti:

1. Illi fl-artikolu taghha in dizamina l-artikolista kwerelata tidher li strahet fuq xenarju kongenjali ghaliha kostitwit minnha stess li tiehu bhala stat ta’ fatt sagrosant u insindikat, forsi anke ghaliex il-qorti partikolari li iddeterminat il-process taghha fl-1984 a bazi ta’ garantizmu procedurali san, setghet ukoll minghajr ma
riedet u b’ interpretazzjoni purament personali tal-kwerelata, svijat lill-istess kwerelata biex b’ hekk issahhet fiha il-posizzjoni li l-istess artikolista tiehu fl-artikolu *de quo*, rigward il-fatti li irruminat fuqhom;

2. Illi nonostante dan, xorta jibqa` l-fatt li x-xenarju kollu tal-passat hekk rievokat jibqa` jipproponi zewg versjonijiet – it-tnejn ugwalment kredibbli – li bl-ebda mod ma jista` jinghad li gew glorifikati ghal stat ta’ fatt gudizzjarju inkonfutabbli;

3. Illi ghalhekk il-korrettezza tal-esposizzjoni fattwali tant essenzjali f’ dan il-qasam hekk delikat ma tirrizultax assodata kif jippredtendu z-zewg protagonisti ta’ din il-vertenza u ghalhekk il-kumpless kollu ta’ dik il-parti tal-artikolu tal-kwerelata li jirrigwarda lill-kwerelant, ibbazata kif inhi fuq l-analizi *di parte* ta’ l-istess kwerelata, ma treggix;

4. Illi *di piu`*, il-kwerelata naqset li tipprova l-verita` tal-fatti minnha allegati skont il-ligi;

5. Illi ghalhekk ghandu ragun li l-kwerelant ihossu malafamat stante li l-iskop tal-artikolista kwerelata fl-artikolu in dizamina kien li tinseg trama li ma gietx ipprovata bhala fatt inkonfutabbli u li permezz tal-istess tattakka lill-kwerelant minghajr kwariter f’ ezercizju ta’ gurnalizmu militesk u dan, bil-ghan uniku u preciz li ttellef u tnaqqas ir-reputazzjoni tieghu;

6. Illi l-animu tal-istess artikolista jidher manifestament assodat ukoll meta jirrizulta li ghazlet li tippubblika l-istess artikolu fil-mument li l-aktar setgha jaghmel hsara lill-kwerelant meta dan kien

impenjat f' fazi delikata ta' kampanja elettorali interna fil-partit tieghu u meta, fic-cirkostanzi tal-ghazla tad-data anagrafika tal-pubblikazzjoni, ma inghatax l-opportunita` temporali effettiva li jirribatti l-allegazzjonijiet nafasti ta' manigold bis-sakra tal-poter li l-artikolista kwerelata ridet takkollah bih;

Ikkunsidrat:

Illi in vista tas-suespost issib lill-awtrici kwerelata imputata Daphne Caruana Galizia hatja tal-imputazzjoni kif dedotta;

Rat l-artikli 3 u 11 tal-Att dwar l-Istampa, Kap 248, u tikkundanna lill-imsemmija Daphne Anne Caruana Galizia ghall-multa ta' elf, mija u erbgha u sittin Ewro u disgha u sittin centezmu, (€1,164.69).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------